2024/2667

10.10.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2024/2667

tat-8 ta' Ottubru 2024

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2130 (BiH/38/2024)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Lulju 2004, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK, li stabbiliet operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina (Operazzjoni ALTHEA).

(2) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-Operazzjoni ALTHEA.

(3) Fis-26 ta' Settembru 2023, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2130 ([2]) li taħtar lill-Ġeneral Maġġur László STICZ bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-Operazzjoni ALTHEA mill-21 ta' Jannar 2024.

(4) Fis-26 ta' Lulju 2024, l-awtoritajiet militari Rumeni pproponewil-ħatra tal-Ġeneral Maġġur Florin-Marian BARBU biex jieħu post il-Ġeneral Maġġur László STICZ bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-Operazzjoni ALTHEA (il-"ħatra proposta"). Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE ta' Operazzjoni ALTHEA appoġġa l-ħatra proposta.

(5) Fit-3 ta' Settembru 2024, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta u qabel li l-Maġġur Ġeneral Florin-Marian BARBU jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għall-Operazzjoni ALTHEA.

(6) Għandha tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Maġġur Ġeneral Florin-Marian BARBU bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għall-Operazzjoni ALTHEA.

(7) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2130 titħassar.

(8) Fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen adotta dikjarazzjoni li ssostni li l-arranġamenti "Berlin plus" u l-implimentazzjoni tagħhom ser japplikaw biss għal dawk l-Istati Membri tal-Unjoni li huma wkoll membri tan-NATO jew partijiet għas-"Shubija għall-Paċi", u li konsegwentement ikkonkludew ftehimiet bilaterali dwar is-sigurtà man-NATO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ġeneral Maġġur Florin-Marian BARBU huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina (Operazzjoni ALTHEA) mill-21 ta' Jannar 2025.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2130 hija b'dan imħassra.

([1]) ĠU L 252, 28.7.2004, p. 10.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2023/2130 tas-26 ta' Settembru 2023 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/2539 (BiH/35/2023) (ĠU L, 2023/2130, 11.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2130/oj).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-21 ta' Jannar 2025.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

D. PRONK